



---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

---

**2018/0230(COD)**

25.1.2019

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar [ir-Regolament dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà] u r-Regolament (UE) Nru 375/2014  
(COM(2018)0440 – C8-0264/2018 – 2018/0230(COD))

Rapporteur for opinion (\*): Eleni Theocharous

(\*): Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kummissjoni Ewropea ssuġġeriet li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li tnieda dan l-aħħar għaż-żgħażaġh jingħaqad mal-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE/Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja li ġie stabbilit fl-2014 u huwa bbażat fuq l-Artikolu 214 tat-TFUE, li jipprovdi l-bażi legali għall-għajnuna umanitarja.

Il-ħolqien tal-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE hija rekwiżit tat-Trattat u għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-għoti ta' għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet u li ssaħħaħ il-kapaċitajiet u r-reżiljenza tal-komunitajiet fil-pajjiżi terzi li jkunu vulnerabbli jew jintlaqtu minn diżastri. Minkejja l-potenzjal tagħha f'ħafna aspetti, l-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE kellha bidu kajman ħafna, b'parteċipazzjoni ta' voluntiera ferm anqas milli ttamat li tilħaq il-Kummissjoni inizjalment, u l-evalwaturi ta' nofs it-terminu innotaw li l-impenn tas-sħab fis-settur umanitarju ma kinux disponibbli li jipparteċipaw sa fejn kien meħtieġ. Iċ-ċertifikazzjoni obligatorja tal-organizzazzjonijiet interessati li jipparteċipaw fl-inizjattiva hija bbażata fuq proċedura twila u ta' piż żejjed. B'riżultat ta' dan, fl-2017 biss, l-għadd ta' voluntiera laħaq livell sinifikanti (iżda xorta għadu baxx wisq). Għalhekk, il-potenzjal sħiħ tal-inizjattiva jibqa' diffiċli li jiġi vvalutat u għadu bla dubju mhux sfruttat.

Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati jidhru li jilqgħu l-amalgamazzjoni tal-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li tista' tikkomplementah partikolarment billi tipprovdi esperjenza ta' volontarjat barra l-Unjoni b'enfasi umanitarja. Jekk tiġi promossa kif suppost, din għandha tipprovdi pass importanti għaż-żgħażaġh interessati f'karriera professjonali fis-settur umanitarju u bħala punt tad-dħul importanti għall-volontarjat u għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, u tistimola l-interess fl-isfidi umanitarji globali b'mod aktar ġenerali.

Barra minn hekk, għandu jibqa' possibbli li organizzazzjonijiet umanitarji mingħajr skop ta' qligħ u professjonisti esperti jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' taħriġ u ta' finanzjament jekk ikunu jixtiequ jipparteċipaw fil-programm il-ġdid. Ir-rapporteur tirrakkomanda li ma jiġix applikat il-limitu ta' età superjuri ġenerali ta' 30 sena fl-ambitu tas-sezzjoni li hija bbażata fuq l-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, sabiex l-individwi b'aktar esperjenza jkunu jistgħu jikkontribwixxu għall-għajnuna umanitarja fuq bażi volontarja, b'mod partikolari minħabba li jistgħu jkunu jeħtieġu taħriġ speċifiku qabel il-mobilizzazzjoni.

Kif imsemmi hawn fuq, l-akkreditazzjoni tal-organizzazzjonijiet biex jipparteċipaw fl-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE hija kkumplikata u wriet li hija ostaklu kbir biex jintlaħqu numri sinifikanti ta' voluntiera. Għalhekk, se jkun importanti li l-organizzazzjonijiet li diġà ġew akkreditati, ma jkollhomx għalfejn jerġgħu jgħaddu minn proċess simili ladarba r-regolament il-ġdid jidħol fis-seħħ. Barra minn hekk, tħassib ewlieni huwa l-proċeduri simplifikati u sempliċi għat-tikketta tal-kwalità l-ġdida għall-organizzazzjonijiet parteċipanti.

Barra minn hekk, il-Kumitat irid jiżgura li d-dispożizzjonijiet dwar l-azzjonijiet li jaqgħu taħt il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja (Kapitolu IV), li għalihom għandna kompetenza esklussiva, jiżguraw il-komplementarjetà u l-konsistenza ma' attivitajiet oħra ta' għajnuna umanitarja tal-UE u mal-Kunsens Ewropew dwar l-għajnuna umanitarja. Dan il-qasam tal-programm futur irid jiġi implimentat fir-rispett sħiħ tal-prinċipji umanitarji u għandu jkun integrat f'għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet, ikkoordinata u effikaċi.

F'dan ir-rigward, ir-rapporteur għal opinjoni tara l-akbar potenzjal f'azzjonijiet li jiffukaw fuq il-bini tal-kapaċità organizzattiva u lokali, ir-reżiljenza u f'azzjonijiet ta' Kollegament bejn l-Għajnuna, ir-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp (LRRD), li jindirizzaw ir-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp, it-tnaqqis u t-tnejn tar-riskju ta' diżastri u b'mod aktar ġenerali s-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni dwar il-ħtiġijiet u l-prinċipji umanitarji.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li l-Kumitat tagħna jikkondividi l-kompetenzi dwar din il-proposta leġislattiva mal-Kumitat għall-Kultura, aħna nemmnu li b'mod ġenerali għandha ssir aktar enfasi fuq l-iżvilupp sostenibbli, il-prinċipju "li ħadd ma jitħalla lura", il-qerda tal-faqar, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1a) Minħabba ż-żieda sinifikanti fil-kriżijiet umanitarji u l-emerġenzi globali, u bil-għan li tissaħħaħ il-promozzjoni tas-solidarjetà u l-viżibilità tal-għajnuna umanitarja fost iċ-ċittadini tal-Unjoni, hemm bżonn li tiġi żviluppata solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi affettwati minn diżastri naturali jew daww ikkawżati mill-bniedem.***

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament Premessa 1b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1b) L-għajnuna umanitarja hija bbażata fuq il-prinċipji ta' imparzjalità, newtralità u nondiskriminazzjoni, inkorporati fid-dritt umanitarju***

*internazzjonali u fid-dritt tal-Unjoni. L-ghajjnuna umanitarja tippovdi rispons ta' emerġenza bbażat fuq il-ħtiġijiet immirat lejn il-preservazzjoni tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-taffija tat-tbatija umana u ż-żamma tad-dinjità tal-bniedem kif ukoll l-għoti ta' protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli affettwati minn diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem. It-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u t-tnejn permezz ta' attivitajiet ta' bini ta' kapaċità u reżiljenza huma wkoll elementi essenzjali tal-ghajjnuna umanitarja.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2) Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-14 ta' Settembru 2016 saħaq fuq il-bżonn li ninvestu fiż-żghażaġh u ħabbar l-istabbiliment ta' Korp Ewropew ta' Solidarjetà (il-"Programm") bl-għan li jinħolqu opportunitajiet għaż-żghażaġh madwar l-Unjoni biex dawn jagħtu kontribut sinifikanti lis-soċjetà, juru solidarjetà u jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, u b'hekk mhux biss jiksbu esperjenza ta' xogħol iżda wkoll esperjenza umana imprezzabbli.*

*imħassar*

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Korp Ewropew ta' Solidarjetà" tas-7 ta' Diċembru 2016<sup>1</sup>, il-Kummissjoni saħqet fuq il-bżonn li jissaħħu l-*

*imħassar*

*pedamenti għal ħidma ta' solidarjetà madwar l-Ewropa, biex iż-żgħażaġh jiġu pprovduti b'iktar opportunitajiet u ta' kwalità aħjar għall-attivitajiet ta' solidarjetà li jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma, u biex jingħata appoġġ lill-atturi nazzjonali u lokali, fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw sfidi u kriżijiet differenti. Il-Komunikazzjoni nediet l-ewwel fażi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li fiha ġew immobilizzati programmi differenti tal-Unjoni biex joffru opportunitajiet ta' volontarjat, ta' traineeship jew ta' impjegi liż-żgħażaġh madwar l-UE.*

---

<sup>1</sup> *Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Korp Ewropew ta' Solidarjetà (COM(2016) 942 final).*

## **Emenda 5**

**Proposta għal regolament  
Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Il-volontarjat huwa espressjoni konkreta u viżibbli ta' solidarjetà li tippermetti lill-individwi jiddedikaw l-għarfien, il-ħiliet u l-ħin tagħhom għas-servizz tas-soċjetà, tal-komunitajiet lokali jew ta' bnedmin oħra bħalhom, mingħajr motivazzjoni finanzjarja.*

## **Emenda 6**

**Proposta għal regolament  
Premessa 4b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4b) L-assistenza lil persuni u komunitajiet barra mill-Unjoni ffaċċjati*

*minn diżastri jew li huma partikolarment vulnerabbli għad-diżastri u fil-bżonn ta' għajjnuna umanitarja, ibbażata fuq il-prinċipji fundamentali ta' newtralità, umanità, indipendenza u imparzjalità, hija espressjoni importanti ta' solidarjetà. L-allokazzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jirriflettu dan il-prinċipju u jippermettu l-parteċipazzjoni ta' mill-inqas 5000 voluntier b'appoġġ għall-operazzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Premessa 4c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4c) Il-voluntiera parteċipanti u l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-Korp Volontarju Ewropew ta' Ghajjnuna Umanitarja jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fil-Kunsens Ewropew dwar l-Ghajjnuna Umanitarja.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament Premessa 4d (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4d) Hemm il-ħtieġa li tiġi żviluppata aktar is-solidarjetà mal-vittmi ta' kriżijiet u diżastri fil-pajjiżi terzi kif ukoll li jiżdiedu kemm il-livelli ta' sensibilizzazzjoni kif ukoll il-viżibilità tal-għajjnuna umanitarja u l-volontarjat b'mod ġenerali fost iċ-ċittadini tal-Unjoni bħala attività tul ħajjithom.*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 4e (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4e) L-Unjoni u l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jimplimentaw l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kemm internament kif ukoll permezz ta' azzjonijiet esterni.**

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 4f (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4f) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Mejju 2017 dwar l-operazzjonalizzazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp, il-Kunsill irrikonoxxa l-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza permezz ta' rabta aħjar bejn l-għajnuna umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp u li jissaħħu aktar ir-rabtiet operazzjonali bejn l-approċċi komplementari tal-għajnuna umanitarja, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-prevenzjoni ta' kunflitti.**

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5) Iż-żgħażaġh jenħtieġ li jiġu pprovduti b'opportunitajiet li jkunu faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà, li jistgħu**

**(5) Iż-żgħażaġh, *inklużi dawk vulnerabbli u b'anqas opportunitajiet*, jenħtieġ li jiġu pprovduti b'opportunitajiet li jkunu faċilment aċċessibbli biex jinvolvu**



jippermettulhom jesprimu l-impenn tagħhom għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jiksbu esperjenza, ħiliet u kompetenzi siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom, u b'hekk itejbu l-impjegabbiltà tagħhom. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jappoġġaw ukoll il-mobilità tal-voluntiera, tat-trainees u tal-ħaddiema żgħażaġh.

ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà, li jistgħu jippermettulhom jesprimu l-impenn tagħhom għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jiksbu esperjenza, ħiliet u kompetenzi siewja għall-iżvilupp personali, **kulturali**, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom, u b'hekk itejbu l-impjegabbiltà tagħhom. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jappoġġaw ukoll il-mobilità tal-voluntiera, tat-trainees u tal-ħaddiema żgħażaġh.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) L-attivitajiet ta' solidarjetà offruti liż-żgħażaġh jenħtieġ li jkunu ta' kwalità għolja, fis-sens li dawn **għandhom iwieġbu** għall-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà, jikkontribwixxu għat-tiżiħ tal-komunitajiet, joffru liż-żgħażaġh l-opportunità li jiksbu għarfien u kompetenzi siewja, ikunu finanzjarjament aċċessibbli għaż-żgħażaġh, u jiġu implimentati f'kundizzjonijiet sikuri u tajbin.

#### *Emenda*

(6) L-attivitajiet ta' solidarjetà offruti liż-żgħażaġh jenħtieġ li jkunu ta' kwalità għolja, fis-sens li dawn **jenħtieġ li jwieġbu** għall-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà, jikkontribwixxu għat-tiżiħ tal-komunitajiet **u għall-bini ta' kapaċità**, joffru liż-żgħażaġh l-opportunità li jiksbu għarfien u kompetenzi siewja, ikunu finanzjarjament aċċessibbli għaż-żgħażaġh, u jiġu implimentati f'kundizzjonijiet sikuri u tajbin, **filwaqt li d-djalogu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-partijiet interessati jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ sabiex jiġi żgurat programm orjentat lejn il-ħtiġijiet u jitravwem il-volontarjat fil-pajjiżi sħab u jżdied valur tal-iżvilupp b'saħħtu għall-attivitajiet ta' solidarjetà.**

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(8a) Iċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet emittenti u ospitanti**

*mwettqa skont ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, jenħtieġ li ma tiġix idduplikata taħt il-programm il-ġdid tal-Korp Ewropew ta' Solidarjeta u jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta l-ekwivalenza fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-2021 'il quddiem.*

---

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja ("l-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE") (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1).*

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjeta jagħti opportunitajiet ġodda għaż-żgħażaġh biex iwettqu attivitajiet ta' volontarjat, traineeship jew impjegi f'oqsma relatati mas-solidarjeta, kif ukoll biex ifasslu u jiżviluppaw proġetti ta' solidarjeta abbażi tal-inizjattiva tagħhom stess. Dawn l-opportunitajiet jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjeta jappoġġa wkoll attivitajiet ta' netwerk għall-parteċipanti u għall-organizzazzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjeta, kif ukoll lill-miżuri li jiżguraw il-kwalità tal-attivitajiet appoġġati u li jsaħħu l-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim tagħhom. Għalhekk, dan se jikkontribwixxi wkoll għall-kooperazzjoni Ewropea rilevanti għaż-żgħażaġh u s-sensibilizzazzjoni dwar l-impatt pożittiv tiegħu.

#### *Emenda*

(9) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjeta jagħti opportunitajiet ġodda għaż-żgħażaġh biex iwettqu attivitajiet ta' volontarjat, traineeship jew impjegi f'oqsma relatati mas-solidarjeta, kif ukoll biex ifasslu u jiżviluppaw proġetti ta' solidarjeta abbażi tal-inizjattiva tagħhom stess. Dawn l-opportunitajiet jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, **kulturali**, ċiviku u professjonali tagħhom. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjeta jappoġġa wkoll attivitajiet ta' netwerk għall-parteċipanti u għall-organizzazzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjeta, kif ukoll lill-miżuri li jiżguraw il-kwalità tal-attivitajiet appoġġati u li jsaħħu l-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim tagħhom. Għalhekk, dan se jikkontribwixxi wkoll għall-kooperazzjoni Ewropea rilevanti għaż-żgħażaġh u s-sensibilizzazzjoni dwar l-impatt pożittiv tiegħu.

## Emenda 15

### Proposta għal regolament

#### Premessa 10

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jrawmu wkoll l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tal-individwu, li jista' jieħu l-għamla ta' volontarjat, traineeships u impjiegi, proġetti jew attivitajiet ta' networking, żviluppati b'rabta ma' oqsma differenti, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-intraprenditorija – b'mod partikolari l-intraprenditorija soċjali –, iċ-ċittadinanza u l-parteciċipazzjoni demokratika, il-protezzjoni tal-ambjent u tan-natura, l-azzjoni klimatika, il-prevenzjoni ta' diżastri, ***it-thejjja għalihom*** u l-irkupru minnhom, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-forniment ta' oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, is-saħħa u l-benessri, il-kreattività u l-kultura, l-edukazzjoni fiżika u l-isport, l-assistenza soċjali u s-servizzi soċjali, l-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kooperazzjoni u l-koeżjoni territorjali, u l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri. Dawn l-attivitajiet ta' solidarjetà jenħtieġ li jinkludu dimensjoni soda ta' tagħlim u ta' taħriġ permezz ta' attivitajiet rilevanti li jistgħu jiġu offruti lill-parteciċipanti qabel, matul u wara l-attività ta' solidarjetà.

##### *Emenda*

(10) Dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jrawmu wkoll l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ***kulturali***, ċiviku u professjonali tal-individwu, li jista' jieħu l-għamla ta' volontarjat, traineeships u impjiegi, proġetti jew attivitajiet ta' networking, żviluppati b'rabta ma' oqsma differenti, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-intraprenditorija – b'mod partikolari l-intraprenditorija soċjali – ***l-ekonomija ċirkolari***, iċ-ċittadinanza u l-parteciċipazzjoni demokratika, il-protezzjoni tal-ambjent u tan-natura, l-azzjoni klimatika, il-prevenzjoni ta' diżastri ***naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem*** u l-irkupru minnhom, ***il-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli milquta minn diżastri, ir-reżiljenza, it-tnaqqis tal-faqar, is-sigurtà tal-ikel***, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-forniment ta' oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, is-saħħa u l-benessri, il-kreattività u l-kultura, l-edukazzjoni fiżika u l-isport, l-assistenza soċjali u s-servizzi soċjali, l-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ***b'mod partikolari tfal mhux akkumpanjati, il-prevenzjoni ta' kunflitti, il-paċi u r-rikonċiljazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi***, il-kooperazzjoni u l-koeżjoni territorjali, u l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri. Dawn l-attivitajiet ta' solidarjetà jenħtieġ li jinkludu dimensjoni soda ta' tagħlim u ta' taħriġ permezz ta' attivitajiet rilevanti li jistgħu jiġu offruti lill-parteciċipanti qabel, matul u wara l-attività ta' solidarjetà.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament

#### Premessa 11

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) L-attivitajiet ta' volontarjat (kemm fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll lil hinn minnha) jikkostitwixxu esperjenza rikka f'kuntest ta' tagħlim mhux formali u informali li ssaħħaħ l-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali **taż-żgħażaġh**, kif ukoll iċ-ċittadinanza attiva u l-impjegabbiltà tagħhom. L-attivitajiet ta' volontarjat jenħtieġ li ma jkollhomx effett avvers fuq impjieg bi ħlas potenzjali jew eżistenti, u lanqas ma jenħtieġ li jitqiesu bħala sostitut għal dan. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri **jikooperaw** fir-rigward tal-politiki ta' volontarjat fil-qasam taż-żgħażaġh permezz ta' metodu miftuħ ta' kooperazzjoni.

##### *Emenda*

(11) L-attivitajiet ta' volontarjat (kemm fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll lil hinn minnha) jikkostitwixxu esperjenza rikka f'kuntest ta' tagħlim mhux formali u informali li ssaħħaħ l-iżvilupp personali, **kulturali**, soċjoedukattiv u professjonali **tal-parteciċipanti żgħażaġh**, kif ukoll **is-sens ta' responsabbiltà**, iċ-ċittadinanza attiva u l-impjegabbiltà tagħhom. L-attivitajiet ta' volontarjat jenħtieġ li ma jkollhomx effett avvers fuq impjieg bi ħlas potenzjali jew eżistenti, u lanqas ma jenħtieġ li jitqiesu bħala sostitut għal dan. **Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' volontarjat fi ħdan il-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkunu komplementari għal skemi eżistenti ta' volontarjat lokali, reġjonali u nazzjonali, meta tali skemi jkunu fis-seħħ.** Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri **jikkooperaw** fir-rigward tal-politiki ta' volontarjat fil-qasam taż-żgħażaġh permezz ta' metodu miftuħ ta' kooperazzjoni.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament

#### Premessa 12

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) It-traineeships u l-impjiegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà jistgħu joffru opportunitajiet addizzjonali għaż-żgħażaġh biex dawn jidħlu fis-suq tax-xogħol filwaqt li jagħtu l-kontribut tagħhom biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà. Dan jista' jgħin biex jitrawmu l-impjegabbiltà u l-produttività taż-żgħażaġh filwaqt li titħaffef it-tranżizzjoni tagħhom mill-

##### *Emenda*

(12) It-traineeships u l-impjiegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà jistgħu joffru opportunitajiet addizzjonali għaż-żgħażaġh, **inklużi żgħażaġh b'diżabbiltà u dawk b'anqas opportunitajiet**, biex dawn jidħlu fis-suq tax-xogħol filwaqt li jagħtu l-kontribut tagħhom biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà. Dan jista' jgħin biex jitrawmu l-impjegabbiltà u l-

edukazzjoni għall-impjegi, li hi xi ħaġa importanti biex jissaħħu l-possibiltajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol. L-attivitajiet ta' traineeships offruti taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jsegwu l-prinċipji tal-kwalità spjegati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships<sup>1</sup>. It-traineeships u l-impjegi offruti jikkostitwixxu pont li permezz tiegħu, iż-żgħażaġh jidħlu fis-suq tax-xogħol u jkunu akkumpanjati minn appoġġ adegwat wara l-attività. L-attivitajiet ta' traineeship u impjegi huma ffaċilitati mill-atturi rilevanti tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari mis-servizzi pubbliċi u privati tal-impjegi, mis-sħab soċjali u mill-Kmamar tal-Kummerċ, u huma rimunerati mill-organizzazzjoni parteċipanti. Bħala organizzazzjonijiet parteċipanti, dawn jenħtieġ li japplikaw għal finanzjament permezz tal-istruttura ta' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fid-dawl tal-intermedjazzjoni bejn il-parteeipanti żgħażaġh u l-impjegaturi li joffru l-attivitajiet ta' traineeship u ta' impjegi fis-setturi tas-solidarjetà.

---

<sup>1</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU L 153, 2.5.2018, p. 1).

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 13

*Test propost mill-Kummissjoni*

produttività taż-żgħażaġh filwaqt li titħaffef it-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjegi, li hi xi ħaġa importanti biex jissaħħu l-possibiltajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol, ***fosthom f'organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u fis-setturi umanitarji u soċjali***. L-attivitajiet ta' traineeships offruti taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jsegwu l-prinċipji tal-kwalità spjegati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships<sup>1</sup> ***u l-prinċipji stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità***. It-traineeships u l-impjegi offruti jikkostitwixxu pont li permezz tiegħu, iż-żgħażaġh jidħlu fis-suq tax-xogħol u jkunu akkumpanjati minn appoġġ adegwat wara l-attività. L-attivitajiet ta' traineeship u impjegi huma ffaċilitati mill-atturi rilevanti tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari mis-servizzi pubbliċi u privati tal-impjegi, mis-sħab soċjali u mill-Kmamar tal-Kummerċ, u huma rimunerati mill-organizzazzjoni parteċipanti. Bħala organizzazzjonijiet parteċipanti, dawn jenħtieġ li japplikaw għal finanzjament permezz tal-istruttura ta' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fid-dawl tal-intermedjazzjoni bejn il-parteeipanti żgħażaġh u l-impjegaturi li joffru l-attivitajiet ta' traineeship u ta' impjegi fis-setturi tas-solidarjetà.

---

<sup>1</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU L 153, 2.5.2018, p. 1).

*Emenda*

(13) L-ispirtu ta' inizjattiva taż-żgħażaġh hu assi importanti għas-soċjetà u għas-suq tax-xogħol. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkontribwixxi għat-trawwim ta' dan l-aspett billi joffri l-opportunità liż-żgħażaġh li jfasslu u jimplimentaw il-proġetti tagħhom stess immirati biex jindirizzaw sfidi speċifiċi għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali. Dawn il-proġetti huma opportunità biex jiġu ppruvati ideat u biex iż-żgħażaġh jiġu appoġġati li jkunu huma stess dawk li jixprunaw l-attivitajiet ta' solidarjetà. Dawn iservu wkoll bħala punt tat-tluq għall-involviment ulterjuri f'attivitajiet ta' solidarjetà u huma l-ewwel pass biex il-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jitħeġġu sabiex **jinvolu rwieħhom f'impjeg indipendenti** jew fit-twaqqif ta' assoċjazzjonijiet, ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi jew ta' korpi oħra attivi fis-setturi tas-solidarjetà, ta' mingħajr skop ta' qligħ u taż-żgħażaġh.

(13) L-ispirtu ta' inizjattiva taż-żgħażaġh hu assi importanti għas-soċjetà u għas-suq tax-xogħol. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkontribwixxi għat-trawwim ta' dan l-aspett billi joffri l-opportunità liż-żgħażaġh li jfasslu u jimplimentaw il-proġetti tagħhom stess immirati biex jindirizzaw sfidi speċifiċi għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali **kif ukoll ta' dawk l-aktar fil-bżonn fis-soċjetà**. Dawn il-proġetti huma opportunità biex jiġu ppruvati ideat u biex iż-żgħażaġh jiġu appoġġati li jkunu huma stess dawk li jixprunaw l-attivitajiet ta' solidarjetà. Dawn iservu wkoll bħala punt tat-tluq għall-involviment ulterjuri f'attivitajiet ta' solidarjetà u huma l-ewwel pass biex il-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jitħeġġu sabiex **jibqgħu ċittadini attivi kemm bħala volontiera jew bħala impjegati f'assoċjazzjonijiet** jew fit-twaqqif ta' assoċjazzjonijiet, ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi jew ta' korpi oħra attivi fis-setturi tas-solidarjetà, ta' mingħajr skop ta' qligħ u taż-żgħażaġh.

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(13a) Il-voluntiera jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni biex jipprovdu għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet u bi prinċipji u jikkontribwixxu għat-titjib tal-effikaċja tas-settur umanitarju meta jkunu adegwament magħżula, mħarrġa u ppreparati għall-mobilizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jgħinu lin-nies fil-bżonn bl-aktar mod effikaċi possibbli, u sakemm dawn ikunu jistgħu jistrieħu fuq appoġġ u superviżjoni suffiċjenti fil-post. Għalhekk, ir-rwol ta' kowċis/mentors b'livell għoli ta' ħiliet,**

*taħriġ u esperjenza fuq il-post huwa ta' importanza kbira biex jingħata kontribut għall-effikaċja tar-rispons umanitarju kif ukoll biex jiġu appoġġati l-voluntiera.*

## **Emenda 20**

**Proposta għal regolament  
Premessa 14a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14a) L-aġenziji nazzjonali jenħtieġ li jinkoraġġixxu lill-ex parteċipanti biex isiru ambaxxaturi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà sabiex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom permezz ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, istituzzjonijiet edukattivi u workshops. Bħala ambaxxaturi, huma jipparteċipaw fit-taħriġ ta' kandidati futuri, u b'hekk jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-programm. Għal dan il-għan, l-aġenziji nazzjonali jenħtieġ li jipprovdu sostenn lill-voluntiera.*

## **Emenda 21**

**Proposta għal regolament  
Premessa 14b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14b) L-iżgurar ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jeħtieġ aktar viżibbiltà u sensibilizzazzjoni u aktar promozzjoni tal-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli, permezz ta' kampanji ta' informazzjoni (inkluż Jum ta' Informazzjoni annwali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà) u mezz ta' komunikazzjoni dinamiċi b'enfasi qawwija fuq il-midja soċjali, filwaqt li tiġi żgurata l-akbar sensibilizzazzjoni possibbli fost il-gruppi fil-mira, kemm individwi kif ukoll organizzazzjonijiet.*

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Premessa 15

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-iżgurar tal-kwalità tal-attivitajiet u opportunitajiet oħra offruti taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, b'mod partikolari billi jiġu offruti taħriġ, appoġġ lingwistiku, assigurazzjoni, appoġġ amministrattiv u appoġġ wara l-attività lill-parteċipanti, kif ukoll il-validazzjoni tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba permezz tal-esperjenza tagħhom fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Is-sikurezza u s-sigurtà tal-voluntiera jibqgħu ta' importanza kruċjali u ***l-voluntiera ma għandhomx jintbagħtu*** f'operazzjonijiet li jitwettqu f'żoni ta' kunflitti armati internazzjonali u mhux internazzjonali.

##### *Emenda*

(15) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-iżgurar tal-kwalità tal-attivitajiet u opportunitajiet oħra offruti taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, b'mod partikolari billi jiġu offruti taħriġ, appoġġ lingwistiku (***online, jekk ma jkunx hemm soluzzjonijiet oħra***), assigurazzjoni, appoġġ amministrattiv u appoġġ wara l-attività lill-parteċipanti, kif ukoll il-validazzjoni tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba permezz tal-esperjenza tagħhom fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. ***It-taħriġ xieraq***, is-sikurezza u s-sigurtà tal-voluntiera jibqgħu ta' importanza kruċjali u ***jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skambju regolari ta' informazzjoni u valutazzjoni tar-riskju, b'mod partikolari fir-rigward tal-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja. Il-voluntiera jenħtieġ li ma jintbagħtux*** f'operazzjonijiet li jitwettqu f'żoni ta' kunflitti armati internazzjonali u mhux internazzjonali. ***Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni xierqa wkoll lis-sikurezza u l-interessi tat-tfal u ta' persuni oħra vulnerabbli f'kuntatt mal-voluntiera. L-attivitajiet li jinvolvu kuntatt dirett mat-tfal jenħtieġ li jkunu gġwidati mill-prinċipju "tal-aħjar interessi tat-tfal" u jenħtieġ li, fejn xieraq, ikunu soġġetti għal kontrolli tal-kondotta jew miżuri oħra bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni tat-tfal.***

## Emenda 23

### Proposta għal regolament

#### Premessa 15a (ġdida)



**(15a) Il-prinċipji tal-Unjoni ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni jenħtieġ li jiġu rispettati bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, inklużi l-identifikazzjoni u l-għażla ta' voluntiera u organizzazzjonijiet parteċipanti.**

## Emenda 24

### Proposta għal regolament

#### Premessa 16

*Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Biex jiġi żgurat l-impatt tal-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fuq l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tal-parteċipanti, l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li huma l-eżiti tat-tagħlim tal-attività, jenħtieġ li jiġu identifikati u dokumentati kif xieraq, f'konformità maċ-ċirkustanzi u mal-ispeċifitàjiet nazzjonali, kif irrakkomandat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali<sup>22</sup>.

---

<sup>22</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1–5).

## Emenda 25

### Proposta għal regolament

#### Premessa 16a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(16) Biex jiġi żgurat l-impatt tal-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fuq l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, **kulturali**, ċiviku u professjonali tal-parteċipanti, l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li huma l-eżiti tat-tagħlim tal-attività, jenħtieġ li jiġu identifikati u dokumentati kif xieraq, f'konformità maċ-ċirkustanzi u mal-ispeċifitàjiet nazzjonali, kif irrakkomandat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali<sup>22</sup>.

---

<sup>22</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1–5).

**(16a) L-aġenziji nazzjonali jenħtieġ li**

*jinkoraġġixxu wkoll lill-voluntiera  
żgħażaġh biex isiru ambaxxaturi tal-  
programm tal-Korp Ewropew ta'  
Solidarjetà sabiex jaqsmu l-esperjenzi  
tagħhom permezz ta' netwerks taż-  
żgħażaġh, stabbilimenti edukattivi u  
workshops. L-ex voluntiera/ambaxxaturi  
jistgħu wkoll jikkontribwixxu għat-taħriġ  
ta' kandidati futuri.*

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Premessa 17

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) It-tikketta tal-kwalità jenħtieġ li tiżgura l-konformità tal-organizzazzjonijiet parteċipanti mal-prinċipji u mar-rekwiżiti tal-Karta tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, fir-rigward tad-drittijiet u tar-responsabbiltajiet tagħhom matul l-istadji kollha tal-esperjenza ta' solidarjetà. Il-kisba ta' tikketta tal-kwalità hija prekondizzjoni għall-parteċipazzjoni iżda jenħtieġ li ma twassalx b'mod awtomatiku għal finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

#### *Emenda*

(17) It-tikketta tal-kwalità jenħtieġ li tiżgura l-konformità tal-organizzazzjonijiet parteċipanti **mal-valuri, prinċipji u objettivi tal-Unjoni kif ukoll** mal-prinċipji u mar-rekwiżiti tal-Karta tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, fir-rigward tad-drittijiet, **tas-sikurezza** u tar-responsabbiltajiet tagħhom matul l-istadji kollha tal-esperjenza ta' solidarjetà. Il-kisba ta' tikketta tal-kwalità hija prekondizzjoni għall-parteċipazzjoni iżda jenħtieġ li ma twassalx b'mod awtomatiku għal finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Premessa 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Kwalunkwe entità li tixtieq tiegħu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li tirċievi tikketta tal-kwalità, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet xierqa. Il-proċess li jwassal għall-attribuzzjoni ta' tikketta tal-kwalità jenħtieġ li jitwettaq fuq bażi kontinwa mill-korpi ta' implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta'

#### *Emenda*

(18) Kwalunkwe entità li tixtieq tiegħu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li tirċievi tikketta tal-kwalità, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet xierqa. Il-proċess li jwassal għall-attribuzzjoni ta' tikketta tal-kwalità jenħtieġ li jitwettaq fuq bażi kontinwa mill-korpi ta' implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta'

Solidarjetà. It-tikketta tal-kwalità attribwita jenħtieġ li terġa' tiġi vvalutata b'mod perjodiku u tista' tiġi revokata jekk, fil-kuntest tal-verifiki li jridu jsiru, il-kundizzjonijiet li wasslu għall-attribuzzjoni tagħha jinstab li ma jibqgħux issodisfati.

Solidarjetà *f'koerenza mal-iskemi ta' ċertifikazzjoni eżistenti. Il-proċess tal-akkwist ta' tikketta jenħtieġ li jiġi ssimplifikat għall-organizzazzjonijiet diġà ċċertifikati, b'mod partikolari taħt il-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE attwali u għad-detenturi tal-Ftehimiet Qafas ta' Sħubija tal-ECHO. Dan il-proċess jenħtieġ li jqis proċessi simili mwettqa skont ir-Regolamenti (UE) Nru 375/2014, ir-Regolament (UE) 2018/1475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96<sup>1b</sup>. It-tikketta tal-kwalità attribwita jenħtieġ li terġa' tiġi vvalutata b'mod perjodiku u tista' tiġi revokata jekk, fil-kuntest tal-verifiki li jridu jsiru, il-kundizzjonijiet li wasslu għall-attribuzzjoni tagħha jinstab li ma jibqgħux issodisfati. Kemm fl-attribuzzjoni ta' tikketta tal-kwalità kif ukoll ir-rivalutazzjoni tagħha, il-piż amministrattiv jenħtieġ li jitnaqqas għal minimu bil-għan li jiġi żgurat aċċess ugwali u jiġi evitat li organizzazzjonijiet iżgħar jaqtgħu qalbhom milli jieħdu sehem.*

---

<sup>1a</sup>Regolament (UE) 2018/1475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (ĠU L 250, 4.10.2018, p. 1).

<sup>1b</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(20a) Sabiex tittiejjeb it-trasparenza tal-proċess ta' implimentazzjoni u sabiex tiżdied l-effikaċja tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkonsulta b'mod regolari mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi l-organizzazzjonijiet parteċipanti, u ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti oħra, inklużi netwerks taż-żgħażaġh u kunsilli taż-żgħażaġh nazzjonali, kif ukoll ma' netwerks li jirrappreżentaw lil min iħaddem u lit-trade unions.*

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Premessa 23

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(23) Il-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li jibqa' jiġi żviluppat b'mod kontinwu biex jiġi żgurat aċċess faċli għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u jiġi pprovdut one-stop shop kemm għall-individwi, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet interessati fir-rigward tar-reġistrazzjoni, tal-identifikazzjoni u tat-tlaqqiġ tal-profilu u tal-opportunitajiet, tan-netwerking u tal-iskambji virtwali, tat-taħriġ online, tal-appoġġ lingwistiku u tal-appoġġ wara l-attività, kif ukoll ta' funzjonalitajiet siewja oħra, fost l-oħrajn, li jistgħu jqumu fil-futur.

(23) Il-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li jibqa' jiġi żviluppat b'mod kontinwu biex jiġi żgurat aċċess faċli għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ***lill-utenti kollha, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità tad-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>***, u jiġi pprovdut one-stop shop kemm għall-individwi, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet interessati fir-rigward tar-reġistrazzjoni, tal-identifikazzjoni u tat-tlaqqiġ tal-profilu u tal-opportunitajiet, tan-netwerking u tal-iskambji virtwali, tat-taħriġ online, tal-appoġġ lingwistiku u tal-appoġġ wara l-attività ***(online, jekk ma jkunx possibbli mod ieħor)***, kif ukoll ta' funzjonalitajiet siewja oħra, fost l-oħrajn, li jistgħu jqumu fil-futur. ***Fir-rigward tal-iskjeramenti b'appoġġ għall-attivitajiet ta' għajjuna umanitarja u l-iskeda ta' żmien***

*twila bejn l-applikazzjoni u l-iskjerament tal-voluntier, il-parteċipanti f'attivitajiet ta' għajnuna umanitarja jenħtieġ li ma jiltaqgħux ma' ostakli addizzjonali meta mqabbla ma' parteċipanti f'oqsma oħra.*

---

*1<sup>a</sup> Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibilita tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1).*

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Premessa 27

*Test propost mill-Kummissjoni*

(27) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjeta jimmira lejn iż-żgħażaġh ta' età bejn it-18 u t-30 sena, u jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet offruti mill-Korp Ewropew ta' Solidarjeta tirrikjedi reġistrazzjoni minn qabel fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjeta.

*Emenda*

(27) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjeta **primarjament** jimmira lejn iż-żgħażaġh ta' età bejn it-18 u **l-35 sena, filwaqt li l-ħtiġijiet u l-kuntesti fl-għajnuna umanitarja fil-pajjiżi terzi jistgħu jiġġustifikaw il-parteċipazzjoni ta' esperti 'l fuq minn din l-età.** Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet offruti mill-Korp Ewropew ta' Solidarjeta tirrikjedi reġistrazzjoni minn qabel fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjeta. **Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'termini tal-promozzjoni u l-faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel.**

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(27a) Il-prinċipji ta' opportunitajiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni tal-Unjoni jissuġġerixxu li è-ċittadini u r-**

*residenti regolari tal-Unjoni f'kull settur tal-ħajja u f'kull età jenħtieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw bħala ċittadini attivi. Fid-dawl tal-isfidi speċifiċi tal-azzjoni umanitarja, il-parteċipanti fl-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE jenħtieġ li jkollhom mill-inqas 18-il sena u jkunu jistgħu jirrappreżentaw varjetà wiesgħa ta' profili u ġenerazzjonijiet li l-ħiliet tagħhom huma rilevanti għat-twettiq b'suċċess ta' dawn l-operazzjonijiet umanitarji.*

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Premessa 28

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li l-attivitajiet appoġġati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkunu aċċessibbli għaż-żgħażaġh kollha, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri speċjali biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh żvantaġġati, kif ukoll biex jiġu meqjusa r-restrizzjonijiet imposti mid-distanza remota ta' għadd ta' żoni rurali u tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u tal-Pajjiżi u tat-Territorji extra-Ewropej. B'mod simili, il-pajjiżi parteċipanti jeħtieġ li jieħdu impenn li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Jenħtieġ li jsolvu, fejn possibbli, u mingħajr preġudizzju għall-acquis ta' Schengen u għad-dritt tal-Unjoni dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' kwistjonijiet amministrattivi li joħolqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u ta' permessi ta' residenza, kif ukoll il-ħruġ tal-Karta tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' attivitajiet

#### *Emenda*

(28) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li l-attivitajiet appoġġati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkunu aċċessibbli għaż-żgħażaġh kollha, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati ***u vulnerabbli, inklużi l-kandidati għal xogħol volontarju ma' persuni b'diżabilità.*** Jenħtieġ li jittieħdu miżuri speċjali biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali, ***it-taħriġ,*** il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh żvantaġġati, kif ukoll biex jiġu meqjusa r-restrizzjonijiet imposti mid-distanza remota ta' għadd ta' żoni rurali u tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u tal-Pajjiżi u tat-Territorji extra-Ewropej. B'mod simili, il-pajjiżi parteċipanti jeħtieġ li jieħdu impenn li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Jenħtieġ li jsolvu, fejn possibbli, u mingħajr preġudizzju għall-acquis ta' Schengen u għad-dritt tal-Unjoni dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' kwistjonijiet amministrattivi li joħolqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u ta' permessi ta' residenza, kif ukoll il-ħruġ tal-Karta tal-

transfruntiera fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Assikurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' attivitajiet transfruntiera fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

### Emenda 33

#### Proposta għal regolament Premessa 28a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(28a) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni u appoġġ partikolari għall-kapaċità li jiġu ospitati organizzazzjonijiet sħab fil-pajjiżi terzi u l-ħtieġa li l-attivitajiet tal-voluntiera jiġu integrati fi ħdan il-kuntest lokali u li tiġi ffaċilitata l-interazzjoni tal-voluntiera ma' atturi umanitarji lokali, mal-komunità ospitanti u mas-soċjetà ċivili.**

### Emenda 34

#### Proposta għal regolament Premessa 35

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(35) F'konformità mal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-regġuni ultraperiferiċi tal-UE"<sup>1</sup>, jenħtieġ li l-Programm iqis is-sitwazzjoni **speċifika** ta' dawn ir-regġuni. Se jittieħdu miżuri biex tiżdied il-parteċipazzjoni tar-regġuni ultraperiferiċi fl-azzjonijiet kollha. Dawn il-miżuri se jiġu mmonitorjati regolament u evalwati.

(35) F'konformità mal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-regġuni ultraperiferiċi tal-UE"<sup>1</sup>, jenħtieġ li l-Programm iqis is-sitwazzjoni **u l-ħtiġijiet speċifiċi** ta' dawn ir-regġuni, **b'mod partikolari l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni politika, ekonomika u soċjali, b'mod partikolari r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ sabiex tkun garantita kooperazzjoni aħjar bl-aktar mod effikaċi u sempliċi**. Se jittieħdu miżuri biex tiżdied il-parteċipazzjoni tar-regġuni ultraperiferiċi fl-azzjonijiet kollha. Dawn il-miżuri se jiġu mmonitorjati regolament u evalwati.

<sup>1</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-

<sup>1</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-

Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reqġuni ultraperiferiċi tal-UE COM(2017) 623 final).

Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reqġuni ultraperiferiċi tal-UE (COM(2017) 623 final).

## Emenda 35

### Proposta għal regolament Premessa 39

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(39) Sabiex jintlaħqu aħjar l-għanijiet tal-Programm, jenħtieġ li **preferibilment l-Kummissjoni**, l-Istati Membri u l-aġenziji nazzjonali jaħdmu flimkien mill-qrib fi sħubija ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati lokali li għandhom għarfien espert fl-azzjonijiet ta' solidarjetà.

#### *Emenda*

(39) Sabiex jintlaħqu aħjar l-għanijiet tal-Programm, jenħtieġ li **preferibbilment il-Kummissjoni**, l-Istati Membri u l-aġenziji nazzjonali jaħdmu flimkien mill-qrib fi sħubija ma' **gvernijiet nazzjonali**, organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, **is-settur privat** u partijiet ikkonċernati lokali li għandhom għarfien espert fl-azzjonijiet ta' solidarjetà, **f'konformità mal-programmi eżistenti ta' volontarjat nazzjonali u reġjonali**.

## Emenda 36

### Proposta għal regolament Premessa 42

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(42) Sabiex jiġu żgurati l-ġestjoni finanzjarja tajba u ċ-ċertezza tad-dritt f'kull pajjiż parteċipanti, kull Awtorità Nazzjonali jenħtieġ li taħtar korp indipendenti tal-awditjar. Meta dan ikun fattibbli, u biex tiġi mmassimizzata l-effiċjenza, il-korp indipendenti tal-awditjar jista' jkun l-istess bħal dak maħtur għall-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-[Regolament il-Ġdid dwar l-Erasmus].

#### *Emenda*

(42) Sabiex jiġu żgurati l-ġestjoni finanzjarja tajba, **l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż** u ċ-ċertezza tad-dritt f'kull pajjiż parteċipanti, kull Awtorità Nazzjonali jenħtieġ li taħtar korp indipendenti tal-awditjar. Meta dan ikun fattibbli, u biex tiġi mmassimizzata l-effiċjenza, il-korp indipendenti tal-awditjar jista' jkun l-istess bħal dak maħtur għall-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-[Regolament il-Ġdid dwar l-Erasmus].



## Emenda 37

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) "attività ta' solidarjetà" tfisser attività temporanja ta' kwalità għolja li tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li tista' tiegħu l-għamla ta' volontarjat, traineeships, impjegi, proġetti ta' solidarjetà u attivitajiet ta' netwerking f'diversi oqsma, inklużi dawk imsemmija fil-paragrafu 13, filwaqt li jiġi żgurat il-valur miżjud Ewropew u l-konformità mar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà;

#### *Emenda*

(1) "attività ta' solidarjetà" tfisser attività temporanja ***faċilment aċċessibbli***, ta' kwalità għolja ***u inklussiva u ifffinanzjata b'mod adegwat*** li tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li tista' tiegħu l-għamla ta' volontarjat, traineeships, impjegi, proġetti ta' solidarjetà u attivitajiet ta' netwerking f'diversi oqsma, inklużi dawk imsemmija fil-paragrafu 13, filwaqt li jiġi żgurat il-valur miżjud Ewropew u l-konformità mar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà;

## Emenda 38

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) "kandidat irregiŕtrat" tfisser individwu ***ta' bejn is-17 u t-30 sena u*** li rregiŕtra fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jesprimi l-interess li jinvolvi ruħu f'attività ta' solidarjetà iżda li għadu mhux jieħu sehem f'din l-attività;

#### *Emenda*

(2) "kandidat irregiŕtrat" tfisser individwu li rregiŕtra fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jesprimi l-interess li jinvolvi ruħu f'attività ta' solidarjetà iżda li għadu mhux jieħu sehem f'din l-attività;

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) "parteciŕpant" tfisser individwu ***ta' bejn it-18 u t-30 sena***, li rregiŕtra fil-portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jieħu sehem ***f'attività*** ta' solidarjetà taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

#### *Emenda*

(3) "parteciŕpant" tfisser individwu li rregiŕtra fil-portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jieħu sehem ***f'attivitajiet*** ta' solidarjetà taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà; ***għal attivitajiet oħra minbarra***

*dawk imsemmija fil-Kapitolu IV, il-parteċipanti huma individwi li għandhom bejn it-18 u l-35 sena;*

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) "żgħażaġh b'inqas opportunitajiet" tfisser żgħażaġh li jħabbtu wiċċhom ma' xi ostakoli li ***jwaqqfuhom milli jkollhom aċċess*** effettiv għall-opportunitajiet taħt il-Programm minħabba raġunijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali, ġeografiċi jew tas-saħħa, jew minħabba raġunijiet bħal ***diżabbiltà*** u ***diffikultajiet edukattivi***;

*Emenda*

(4) "żgħażaġh b'inqas opportunitajiet" tfisser żgħażaġh li jħabbtu wiċċhom ma' xi ostakoli li, ***fin-nuqqas ta' appoġġ addizzjonali u speċifikament imfassal apposta, ixekklu l-aċċess*** effettiv ***tagħhom*** għall-opportunitajiet taħt il-Programm minħabba raġunijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali, ġeografiċi jew tas-saħħa, jew minħabba raġunijiet bħal ***diffikultajiet edukattivi*** u ***diżabbiltajiet, inklużi diżabbiltajiet fiżiċi, mentali, intellettuali jew sensorji fit-tul, kif rikonoxxut fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà***;

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) "volontarjat" tfisser attività ta' solidarjetà li ssir bħala attività volontarja mingħajr ħlas għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar;

*Emenda*

(6) "volontarjat" tfisser attività ta' solidarjetà li ssir bħala attività volontarja mingħajr ħlas għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar, ***li tippermetti lill-individwi jiddedikaw l-għarfien, il-ħiliet u l-ħin tagħhom għas-servizz tas-soċjetà, tal-komunità jew ta' bnedmin oħra bħalhom, mingħajr motivazzjoni finanzjarja***;

## Emenda 42

### Proposta għal regolament

PE629.637v03-00

26/46

AD\1174686MT.docx

## Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) "traineeship" tfisser attività ta' solidarjetà għal perjodu minn xahrejn sa sitt xhur, li tiġġedded darba biss u għal durata massima ta' 12-il xahar, li hija offerta u imħallsa minn organizzazzjoni parteċipanti li tkun qed tospita lill-parteċipant tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

### *Emenda*

(7) "traineeship" tfisser attività ta' solidarjetà għal perjodu minn xahrejn sa sitt xhur, li tiġġedded darba biss u għal durata massima ta' 12-il xahar, li hija offerta u imħallsa minn organizzazzjoni parteċipanti li tkun qed tospita lill-parteċipant tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà **u li tinvolvi komponent ta' taġħlim**;

## Emenda 43

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. **L-għan** ġenerali tal-Programm hu li jissaħħaħ l-involviment taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà aċċessibbli u ta' kwalità għolja bħala mezz biex issir kontribuzzjoni għat-tiġħ tal-koeżjoni, tas-solidarjetà u tad-demokrazija fl-Unjoni u lil hinn minnha, filwaqt li jiġu indirizzati sfidi tas-soċjetà u umanitarji fuq il-post, bi sforz partikolari biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali.

#### *Emenda*

1. **L-għan** ġenerali tal-Programm hu li jissaħħaħ l-involviment taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà aċċessibbli u ta' kwalità għolja **u mingħajr skop ta' qligħ** bħala mezz biex issir kontribuzzjoni għat-tiġħ tal-koeżjoni, tas-solidarjetà, **tal-paċi** u tad-demokrazija fl-Unjoni u lil hinn minnha, **b'hekk isir progress lejn il-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli**, filwaqt li jiġu indirizzati sfidi tas-soċjetà u umanitarji fuq il-post, **b'mod partikolari f'termini li jitnaqqsu r-riskji ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza f'pajjiżi fraġli u wara l-kunflitt**, bi sforz partikolari biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali.

## Emenda 44

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-għan speċifiku tal-Programm hu

#### *Emenda*

2. L-għan speċifiku tal-Programm hu

li ż-żgħażaġh, inklużi dawk b'inqas opportunitajiet, jingħataw opportunitajiet b'aċċess iktar faċli għal involviment f'attivitajiet ta' solidarjetà fl-Ewropa u lil hinn minnha, filwaqt li jtejbu u jivvalidaw kif xieraq **il-kompetenzi** tagħhom, kif ukoll jiffaċilitaw l-impjegabbiltà u t-tranżizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

li ż-żgħażaġh, inklużi **l-persuni b'diżabilità** u dawk b'inqas opportunitajiet, jingħataw opportunitajiet b'aċċess iktar faċli għal involviment f'attivitajiet ta' solidarjetà fl-Ewropa u lil hinn minnha, filwaqt li jtejbu u jivvalidaw kif xieraq **is-sensibilizzazzjoni interkulturali tagħhom u l-kompetenzi professjonali u ċiviċi** tagħhom, kif ukoll jiffaċilitaw l-impjegabbiltà u t-tranżizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh f'attivitajiet ta' solidarjetà li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, kif imsemmi fl-Artikolu 6;

*Emenda*

(a) il-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh f'attivitajiet ta' solidarjetà li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà **u l-isforzi biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli**, kif imsemmi fl-Artikolu 6;

## Emenda 46

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh f'attivitajiet ta' solidarjetà relatati mal-ġhajjnuna umanitarja (Korp Volontarju Ewropew ta' Għajjnuna Umanitarja) kif imsemmi fl-Artikolu 10.

*Emenda*

(b) il-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh **u tal-persuni b'għarfien espert** f'attivitajiet ta' solidarjetà relatati mal-ġhajjnuna umanitarja (Korp Volontarju Ewropew ta' Għajjnuna Umanitarja) kif imsemmi fl-Artikolu 10 **u l-azzjonijiet fl-Unjoni u lil hinn minnha mmirati lejn il-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ospitanti għall-ġhajjnuna umanitarja fil-pajjiżi terzi** kif imsemmi fl-Artikolu 11.

## Emenda 47

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

**2a. Il-programm ta' ħidma annwali adottat skont l-Artikolu 18 għandu jinkludi lista ta' attivitajiet li potenzjalment jistgħu jagħmlu ħsara lill-parteċipanti, lill-benefiċjarji u lis-soċjetà, jew li jkunu inadegwati għall-parteċipanti, li ma għandhomx jitwettqu fil-qafas tal-Programm jew li għandhom ikunu soġġetti għal taħriġ speċjali, kontrolli tal-kondotta jew miżuri oħra.**

## Emenda 48

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ir-rinfurzar tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti biex joffru proġetti ta' kwalità tajba għal għadd dejjem akbar ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

Emenda

(a) ir-rinfurzar tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti **u tas-sħab lokali tagħhom** biex **jikkooperaw u** joffru proġetti ta' kwalità tajba għal għadd dejjem akbar ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-attrazzjoni ta' parteċipanti ġodda, kemm żgħażaġh, kif ukoll organizzazzjonijiet parteċipanti;

Emenda

(b) l-attrazzjoni ta' parteċipanti ġodda, kemm żgħażaġh **u dawk b'xi esperjenza fl-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE** kif ukoll organizzazzjonijiet parteċipanti;

## Emenda 50

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) L-istabbiliment, iż-żamma u l-aġġornar tal-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u servizzi online rilevanti oħra, kif ukoll is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni ta' appoġġ u l-għodod ibbażati fuq il-web neċessarji.

#### *Emenda*

(d) L-istabbiliment, iż-żamma u l-aġġornar tal-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u servizzi online rilevanti oħra, kif ukoll is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni ta' appoġġ u l-għodod ibbażati fuq il-web neċessarji ***f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità tad-Direttiva (UE) 2016/2102.***

## Emenda 51

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-azzjonijiet implimentati taħt il-fergħa "Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja" għandhom jikkontribwixxu b'mod partikolari biex tingħata għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet immirata għall-ħarsien tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-taffija tat-tbatija umana, u ż-żamma tad-dinjità tal-bniedem, u t-tisħiħ tal-kapaċità u ***r-reliżenza*** ta' komunitajiet vulnerabbli jew milquta minn ***diżastru***.

#### *Emenda*

1. L-azzjonijiet implimentati taħt il-fergħa "Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja" għandhom jikkontribwixxu b'mod partikolari biex tingħata għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet immirata għall-ħarsien tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-taffija tat-tbatija umana, u ż-żamma tad-dinjità tal-bniedem ***fil-kuntest ta' diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem***, u t-tisħiħ tal-kapaċità u ***r-reżiljenza*** ta' komunitajiet vulnerabbli, ***fraġli*** jew milquta minn ***diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem***, u l-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni ***mir-rispons umanitarju għal żvilupp fit-tul sostenibbli u inklussiv***.

## Emenda 52

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-azzjonijiet taħt dan il-Kapitolu għandhom jitwettqu f'konformità **mal-prinċipji** tal-għajnuna umanitarja tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza.

*Emenda*

2. L-azzjonijiet taħt dan il-Kapitolu għandhom jitwettqu f'konformità **mal-Kunsens Ewropew dwar l-Ghajjnuna Umanitarja, li jippromwovi l-prinċipji fundamentali** tal-għajnuna umanitarja tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza **filwaqt li jiġi mtenni l-impenn sod tal-Unjoni għal approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet, mingħajr diskriminazzjoni bejn il-popolazzjonijiet milquta jew fi ħdanhom u filwaqt li jiġi rispettati id-dritt internazzjonali.**

## Emenda 53

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-għajnuna umanitarja tal-Unjoni titwassal f'sitwazzjonijiet fejn jistgħu joperaw strumenti oħra relatati mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-protezzjoni ċivili. Il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja għandu jaħdem b'mod koerenti u komplementari u għandu jevita d-duplikazzjonijiet mal-politiki u l-istrumenti rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politika tal-għajnuna umanitarja tal-Unjoni, mal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u mal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.**

## Emenda 54

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b.** *Fil-promozzjoni ta' reazzjoni internazzjonali koerenti għall-kriżijiet umanitarji, l-azzjonijiet taħt dan il-Kapitolu għandhom jikkonformaw ma' dawk ikkoordinati mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarjiet Umanitarji.*

## Emenda 55

### Proposta għal regolament Artikolu 10 - paragrafu 2c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2c.** *Il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-għajnuna umanitarja tal-Unjoni, filwaqt li jippromwovi rispons umanitarju adegwat għall-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-kooperazzjoni mal-gruppi u n-netwerks tan-nisa sabiex ikunu promossi l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-eżerċitar min-naħa tagħhom ta' karigi ta' tmexxija fl-għajnuna umanitarja u sabiex jittieħed vantaġġ mill-kapaċitajiet u l-għarfien espert tagħhom biex jikkontribwixxu għall-irkupru, il-bini tal-paċi, it-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri u r-reżiljenza tal-komunitajiet milquta.*



## Emenda 56

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2d (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2d.** *It-termini speċifiċi tal-mobilizzazzjoni għandhom jiġu stipulati, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet ospitanti, f'kuntratt bejn l-organizzazzjonijiet li jibagħtu u l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajjuna Umanitarja, inklużi d-drittijiet u l-obbligi, id-durata u l-post tal-mobilizzazzjoni u l-kompiti.*

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa)** *proġetti ta' solidarjetà, kif imsemmi fl-Artikolu 9;*

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a.** *Fuq il-bażi ta' valutazzjoni minn qabel tal-ħtiġijiet f'pajjiż terz, dan ir-Regolament għandu jappoġġa azzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tal-għajjuna umanitarja sabiex itejjeb il-preparazzjoni u r-reazzjoni lokali għall-kriżijiet umanitarji u biex jiżgura li l-ħidma tal-voluntiera jkollha impatt effikaċi u sostenibbli fil-post, inklużi:*

**(a)** *il-ġestjoni tar-riskji assoċjati mad-diżastri naturali, il-preparazzjoni u r-reazzjoni, l-ikkowċjar, it-taħriġ fil-ġestjoni tal-voluntiera u oqsma oħra rilevanti*

*għall-persunal u l-voluntiera mill-organizzazzjonijiet ospitanti;*

*(b) skambju tal-aħjar prassi, assistenza teknika, programmi ta' ġemellaġġ u skambju ta' persunal u voluntiera, il-ħolqien ta' networks u azzjonijiet oħra relevanti.*

## Emenda 59

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b. Il-Kummissjoni għandha tkompli, iżżomm u taġġorna l-bażi tad-data tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, tirregola l-aċċess u l-użu, inkluż fir-rigward tad-disponibbiltà u l-adegwatezza tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, u b'hekk tippermetti l-parteċipazzjoni kontinwa tal-voluntiera li jirritornaw. Għandu jitwettaq l-ipproċessar ta' data personali miġbura f'din il-bażi tad-data jew għaliha, fejn rilevanti, skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1b</sup>.**

---

<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>1b</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u

*dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).*

## **Emenda 60**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-volontarjat b'appoġġ għall-operazzjonijiet tal-għajnuna umanitarja kif imsemmi fl-Artikolu 4.1, punt (a) għandu jinkludi **komponent** ta' tagħlim u ta' taħriġ, ma għandux jissostitwixxi t-traineeships jew l-impjiegi, u għandu jkun ibbażat fuq ftehim ta' volontarjat bil-miktub.

*Emenda*

1. Il-volontarjat b'appoġġ għall-operazzjonijiet tal-għajnuna umanitarja kif imsemmi fl-Artikolu 4.1, punt (a) għandu jinkludi **fażi** ta' tagħlim u ta' taħriġ **xierqa, inkluż qabel il-kollokament, marbuta mal-proġetti li fihom voluntiera żgħażaġh se jkun involuti, b'enfasi dovuta fuq il-prinċipji tal-għajnuna umanitarja msemmija fl-Artikolu 10(2), inkluż "il-prinċipju ta' tagħmilx ħsara",** ma għandux jissostitwixxi t-traineeships jew l-impjiegi, u ma għandux jissostitwixxi t-traineeships jew l-impjiegi, u għandu jkun ibbażat fuq ftehim ta' volontarjat bil-miktub.

## **Emenda 61**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. L-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE għandha trawwem il-parteciċipazzjoni ta' voluntiera lokali minn pajjiżi terzi.**

## Emenda 62

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-volontarjat taħt din il-fergħa jista' jsir biss *f'pajjiżi terzi*:

*Emenda*

2. Il-volontarjat taħt din il-fergħa jista' jsir biss:

## Emenda 63

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Abbażi ta' valutazzjoni minn qabel tal-ħtiġijiet fil-pajjiżi terzi minn organizzazzjonijiet li jibagħtu u dawk ospitanti, u atturi rilevanti oħra, il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja għandu jappoġġa l-azzjonijiet immirati lejn:**

**(a) it-tisħiħ tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ospitanti għall-għajnuna umanitarja fil-pajjiżi terzi sabiex jissaħħu t-tħejjija lokali u r-rispons għall-kriżijiet umanitarji u biex jiġi żgurat l-impatt effikaċi u sostenibbli tal-ħidma tal-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja fuq il-post permezz ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, it-tħejjija u r-rispons, it-tranżizzjoni minn rispons umanitarju għal żvilupp lokali sostenibbli, l-ikkowċjar, u t-taħriġ fil-ġestjoni tal-volontarji;**

**(b) l-iskambju tal-aħjar Prattiki, l-assistenza teknika, il-programmi ta' ġemellaġġ u l-iskambju ta' persunal u voluntiera.**

## Emenda 64

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 11 – paragrafu 2b (ġdid)

**2b.** *Il-valutazzjoni tal-livell ta' riskju fir-rigward tas-sigurtà u s-sikurezza tal-voluntiera għandha tkun prijorità, speċjalment f'pajjiżi jew f'żoni meqjusa bħala instabbli, jew fejn hemm riskji immedjati.*

## **Emenda 65**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2c.** *Kampanji ta' komunikazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà b'rabta mal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE għandhom jitwettqu primarjament fit-territorju tal-Unjoni u għandhom jiffukaw fuq xogħol imwettaq minn voluntiera u ħaddiema tal-għajnuna umanitarja taħt il-prinċipji tal-għajnuna umanitarja tal-umanità, l-indipendenza, in-newtralità u l-imparzjalità li jinformat l-azzjonijiet tagħhom.*

## **Emenda 66**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2d.** *Il-volontarjat għandu jaqdi l-ħtiġijiet reali u l-lakuni identifikati fil-livell lokali mill-organizzazzjonijiet ospitanti.*

Emenda 67

### **Proposta għal regolament Artikolu 11a (ġdid)**

**Artikolu 11a**

**Identifikazzjoni u għażla ta' voluntiera kandidati**

- 1. Abbażi ta' valutazzjoni minn qabel tal-tiġijiet f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha tidentifika u tagħżel voluntiera kandidati għat-taħriġ f'kooperazzjoni mal-aġenzji nazzjonali u mal-organizzazzjonijiet ospitanti.**
- 2. L-identifikazzjoni u l-għażla tal-voluntiera kandidati għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 14, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs.**
- 3. Il-limiti ta' età kif imsemmija fl-Artikoli 2 u 15 m'għandhomx jiġu applikati għall-volontarjat b'appoġġ għall-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja skont dan l-Artikolu.**

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11b (ġdid)**

**Artikolu 11b**

**Taħriġ ta' voluntiera kandidati**

- 1. Abbażi ta' programmi u proċeduri eżistenti, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm ta' taħriġ biex iħejji lill-voluntiera kandidati jappoġġaw u jikkomplementaw l-azzjonijiet tal-għajnuna umanitarja.**
- 2. Il-voluntiera kandidati li jkunu ġew identifikati u magħżula f'konformità mal-proċedura tal-applikazzjoni għandhom ikunu eliġibbli biex jieħdu sehem fil-programm ta' taħriġ implimentat minn organizzazzjonijiet kwalifikati. L-ambitu u l-kontenut individwali tat-taħriġ, li kull**

*kandidat voluntier għandu jwettaq, għandhom jiġu determinati b'konsultazzjoni mal-organizzazzjoni ospitanti ċċertifikata skont il-ħtiġijiet, filwaqt li titqies l-esperjenza preċedenti tal-kandidat voluntier u l-post ippjanat għall-volontarjat.*

*3. Il-programm ta' taħriġ għandu jinkludi valutazzjoni ta' kemm il-voluntiera kandidati huma preparati biex jiġu sekondati biex jappoġġaw u jikkomplementaw l-attivitajiet tal-għajnuna umanitarja fil-pajjiżi terzi, kif ukoll biex jaqdu l-ħtiġijiet lokali.*

## **Emenda 69**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 12a*

*Tqassim tal-baġit iddedikat għall-attivitajiet fl-Artikoli 7, 8, 9 u 11*

*It-tqassim indikattiv tal-baġit iddedikat għall-attivitajiet fl-Artikoli 7, 8, 9 u 11 għandu jkun kif ġej:*

*(a) għall-volontarjat f'attivitajiet ta' solidarjetà u fi proġetti ta' solidarjetà, kif imsemmi fl-Artikoli 7 u 9: 85 %;*

*(b) għat-traineeships u impjegi ta' kwalità, kif imsemmi fl-Artikolu 8: mill-inqas 7,5 %*

*(c) għall-volontarjat b'appoġġ għall-operazzjonijiet tal-għajnuna umanitarja, kif imsemmi fl-Artikolu 11: mill-inqas 7,5 %*

## **Emenda 70**

### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist.

*Emenda*

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist. ***Biex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-benefiċjarji, għandhom jintużaw kemm jista' jkun somom f'daqqa, spejjeż għal kull unità jew finanzjament b'rata fissa.***

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Żgħażaġħ ta' bejn is-17 u t-30 sena li lesti li*** jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandhom jirreġistraw fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. ***Madankollu, fil-bidu ta' volontarjat, traineeship, impjeg jew proġett ta' solidarjetà, żaġhżuġh għandu jkollu tal-inqas 18-il sena u ma jkollux aktar minn 30 sena.***

*Emenda*

1. ***Individwi li jirrisjedu legalment f'pajjiż parteċipi jew għandhom ċittadinanza tal-Unjoni li huma lesti*** jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandhom jirreġistraw fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-bidu ta' volontarjat, żaġhżuġh għandu jkollu tal-inqas 18-il sena u ma jkollux aktar minn ***35*** sena.

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***1a. Rigward azzjonijiet li jaqgħu taħt il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna, kif imsemmija fil-Kapitolu IV, il-limitu ta' età superjuri m'għandux japplika.***

*Emenda*

***1a. Rigward azzjonijiet li jaqgħu taħt il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna, kif imsemmija fil-Kapitolu IV, il-limitu ta' età superjuri m'għandux japplika.***

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 16 – paragrafu 1**



*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet pubbliċi jew privati, u organizzazzjonijiet internazzjonali, diment li dawn ikunu rċivew tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

*Emenda*

1. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet pubbliċi jew privati, u organizzazzjonijiet internazzjonali, diment li dawn ikunu rċivew tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. ***L-organizzazzjonijiet li diġà għandhom tikketta ċertifikata skont l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u l-partijiet għal ftehim qafas ta' sħubija (FPA) bejn l-NGOs u d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (ECHO) jistgħu jkunu eliġibbli għal proċedura simplifikata biex jiksbu t-tikketta meħtieġa mill-programm il-ġdid.***

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 16 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Bħala riżultat tal-valutazzjoni, l-entità tista' tingħata tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. It-tikketta miksuba għandha terġa' tiġi vvalutata kull ċertu żmien u tista' tiġi rrevokata.

*Emenda*

3. Bħala riżultat tal-valutazzjoni, l-entità tista' tingħata tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. It-tikketta miksuba għandha terġa' tiġi vvalutata kull ċertu żmien ***jew fuq talba mill-parteċipanti*** u tista' tiġi rrevokata. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun evitat xogħol doppju.***

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. L-organizzazzjonijiet parteċipanti jistgħu iwettqu l-funzjonijiet li ġejjin fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà:***

(a) *f'funzjoni ta' ospitant – dawn iwettqu attivitajiet marbuta mal-akkoljenza tal-parteċipanti, inkluż l-organizzazzjoni ta' attivitajiet, it-tfassil ta' programmi ta' taqlim, l-għoti ta' gwida u l-appoġġ lill-parteċipanti waqt l-attività ta' solidarjetà u l-għoti ta' feedback u rikonoxximent lill-parteċipant wara l-attività, kif xieraq;*

(b) *f'funzjoni ta' appoġġ – dawn iwettqu attivitajiet marbuta mat-tnejn u t-tluq tal-parteċipanti qabel ma dawn jitlew, matul u wara l-attività ta' solidarjetà, fosthom rappurtar għall-parteċipanti, rikonoxximent tal-eżiti tat-taqlim tagħhom u l-iffaċilitar ta' aktar volontarjat f'pajjiżhom.*

## **Emenda 76**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 19 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. *Il-monitoraġġ u r-rappurtar adegwati għandhom jinvolve konsultazzjoni regolari mal-aġenziji nazzjonali u l-organizzazzjonijiet parteċipanti, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u netwerks taż-żgħażaġh rilevanti, bil-ħsieb għal titjib potenzjali fl-implimentazzjoni tal-Programm.***

## **Emenda 77**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 24 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. *Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat u taħriġ regolari man-netwerk ta' aġenziji nazzjonali u għalihom biex tiżgura l-implimentazzjoni***

*koerenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fost il-pajjiżi parteċipanti kollha. Il-Kummissjoni għandha tistieden ukoll lin-netwerks eżistenti fil-livell tal-Unjoni, li huma pertinenti għall-attivitajiet skont il-Programm, lis-sħab soċjali u lin-netwerks li jirrappreżentaw liż-żgħażaġh u lill-voluntiera. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta b'mod regolari lill-partijiet ikkonċernati ewlenin, inkluż l-organizzazzjonijiet parteċipanti, dwar l-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.*

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandhom ukoll ikunu konsistenti u komplementari mal-politiki, mal-programmi u mal-istrumenti rilevanti fil-livell nazzjonali fil-pajjiżi parteċipanti. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar skemi u prijoritajiet nazzjonali eżistenti relatati mas-solidarjetà u *ż-żgħażaġh*, minn naħa, u azzjonijiet taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, min-naħa l-oħra, bl-għan li jibbażaw fuq prattiki tajba rilevanti u jiksbu effiċjenza u effettività.

#### *Emenda*

2. L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandhom ukoll ikunu konsistenti u komplementari mal-politiki, mal-programmi u mal-istrumenti rilevanti fil-livell nazzjonali fil-pajjiżi parteċipanti, *sabiex jiġi żgurat sens ta' responsabbiltà mill-pajjiżi parteċipanti*. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar skemi u prijoritajiet nazzjonali eżistenti relatati mas-solidarjetà, *iż-żgħażaġh u l-ħtiġijiet umanitarji*, minn naħa, u azzjonijiet taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, min-naħa l-oħra, bl-għan li jibbażaw fuq prattiki tajba rilevanti u jiksbu effiċjenza u effettività.

## Emenda 79

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-pajjiżi terzi msemmija fl-

#### *Emenda*

3. L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-pajjiżi terzi msemmija fl-

Artikolu 11 għandhom ikunu, b'mod partikolari, konsistenti u komplementari ma' oqsma oħra ta' azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politika tal-għajnuna umanitarja, il-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-politika tat-tkabbir, il-politika tal-viċinat u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

Artikolu 11 għandhom ikunu, b'mod partikolari, konsistenti u komplementari ma' oqsma oħra ta' azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politika tal-għajnuna umanitarja, il-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ***il-politika ta' sigurtà***, il-politika tat-tkabbir, il-politika tal-viċinat u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

## PROCĊDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

|   |  |            |
|---|--|------------|
| <b>Titolu</b>   | L-istabbiliment tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà  |            |
| <b>Referenzi</b>  | COM(2018)0440 – C8-0264/2018 – 2018/0230(COD)  |            |
| <b>Kumitat responsabbli</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja   | CULT<br>2.7.2018   |            |
| <b>Opinjoni mogħtija minn</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>2.7.2018   |            |
| <b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>      | 5.7.2018   |            |
| <b>Rapporteur għal opinjoni</b><br>Data tal-ħatra                     | Eleni Theocharous<br>18.7.2018   |            |
| <b>Eżami fil-kumitat</b>  | 8.10.2018  | 20.11.2018 |
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 22.1.2019  |            |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>                                 | +: 20  | –: 1       |
|   | 0: 0   |            |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                        | Mireille D'Ornano, Doru-Claudian Frunzuličă, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Bogusław Sonik, Eleni Theocharous, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko |            |
| <b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>                     | Marina Albiol Guzmán, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Stefan Gehrold, Maria Noichl, Judith Sargentini  |            |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| <b>20</b> | <b>+</b>   |
|-----------|--|
| ECR       | Eleni Theoharous   |
| GUE/NGL   | Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey   |
| PPE       | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Stefan Gehroid, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Bogusław Sonik, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko |
| S&D       | Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Linda McAvan, Norbert Neuser, Maria Noichl, Vincent Peillon, Elly Schlein                                      |
| VERTS/ALE | Maria Heubuch, Judith Sargentini   |

| <b>1</b> | <b>-</b>          |
|----------|-------------------|
| EFDD     | Mireille D'Ornano |

| <b>0</b> | <b>0</b> |
|----------|----------|
|          |          |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni